### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti ssostni, bħala motivazzjoni għall-illegalità tal-atti ġuridiċi kkontestati, sa fejn jikkonċernawha, motiv uniku li jgħid li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni u, b'mod partikolari, kiser l-obbligu tiegħu ta' eżami. Il-Kunsill ma ressaqx provi konkreti li jiġġustifikaw il-validità tal-inklużjoni tar-rikorrenti fil-lista tal-atti ġuridiċi kkontestati.

---

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' April 2022 – Shatrov vs Il-Kunsill

**(Kawża T-216/22)**

(2022/C 222/65)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Alexander Evgenevich Shatrov (Minsk, il-Bjelorussja) (rappreżentanti: G. Lansky u A. Egger, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla, skont l-Artikolu 263 TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/307 tal-24 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU 2022, L 46, p. 97) kif ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/300 tal-24 ta' Frar 2022 li jimplimenta l-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU 2022, L 46, p. 3) sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tal-proċedura skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrent jinvoka motiv uniku bħala motivazzjoni tal-illegalità tal-atti ġuridiċi kkontestati, sa fejn jikkonċernawh, li jgħid li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni u b'mod partikolari kiser l-obbligu ta' eżami tiegħu. Il-Kunsill ma pproduċa ebda provi konkreti li jiġġustifikaw il-validità tal-inklużjoni tar-rikorrent fuq il-lista tal-atti ġuridiċi kkontestati.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' April 2022 – Classen Holz Kontor vs EUIPO – Deutsche Steinzeug Cremer & Breuer (DRYTILE)

**(Kawża T-307/21)** [1]

(2022/C 222/66)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 289, 19.7.2021.

---